



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla)

18 ta' Novembru 2021\*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 93/13/KEE – Klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi – Kuntratt ta’ self ipotekarju indiċjat fuq valuta barranija – Klawżola kuntrattwali relatata mal-prezz ta’ xiri u ta’ bejgħ ta’ valuta barranija – Rekwiżit ta’ intelliġibbiltà u ta’ trasparenza – Setgħat tal-qorti nazzjonali”

Fil-Kawża C-212/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sąd Rejonowy dla Warszawy – Woli w Warszawie II Wydział Cywilny (il-Qorti Distrettwali ta’ Varsavja – Wola, it-Tieni Sezzjoni Ċivili, il-Polonja), permezz ta’ deċiżjoni tat-22 ta’ Jannar 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta’ Mejju 2020, fil-proċedura

**M.P.,**

**B.P.**

vs

**“A” prowadzący działalność za pośrednictwem “A.” S.A.,**

fil-preżenza ta’:

**Rzecznik Praw Obywatelskich**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Seba' Awla),

komposta minn I. Ziemele (Relatur), President tas-Sitt Awla, li qiegħed jaġixxi bħala President tas-Seba' Awla, P. G. Xuereb u A. Kumin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-observazzjonijiet ippreżentati:

– għal M.P. u B.P., minn J.Mikołajek, radca prawny, kif ukoll minn M. Szymański, adwokat,

\* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

- għal “A.” prowadzący działalność za pośrednictwem “A.” S.A., minn M. Bakuła, radca prawny,
- għar-Rzecznik Praw Obywatelskich, minn M. Taborowski,
- għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,
- għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, M. Queiroz Ribeiro, A. Rodrigues u P. Barros da Costa, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn S. L. Kalèda u N. Ruiz García, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstemgħet l-Avukata Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

### Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 3(1), tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta’ April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumaturi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 15, Vol. 2, p. 288).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ kawża bejn M.P. u B.P, minn naħa, u l-bank “A.” prowadzący działalność za pośrednictwem “A.” S.A. (iktar ’il quddiem “A”), min-naħħa l-oħra, dwar il-modalitajiet ta’ rimbors ta’ kuntratt ta’ self ipotekarju indiċjat fuq valuta barranija u li fih klawżoli allegatament inġusti.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

- 3 It-tmien u l-għoxrin premessa tad-Direttiva 93/13 huwa fformulati kif ġej:

“[b]illi ż-żewġ programmi tal-Komunità għal politika tal-protezzjoni u l-informazzjoni tal-konsumatur saħqet fuq l-importanza li jiġu salvagwardati l-konsumaturi fil-kwistjoni ta’ klawżoli inġusti f'kuntratt; billi din il-protezzjoni għandha tkun provduta mil-ligħiġiet u r-regolamenti li jew jiġi armonizzati fl-livell Komunitarju jew jiġi adottati direttament f'dak il-livell;

[...]

Billi l-kuntratti għandhom jiġu abbozzati f'lingwa ċara, li tiftiehem, il-konsumatur għandu fil-fatt jingħata opportunità biex jeżamina l-klawżoli kollha u, jekk ikollu xi dubju, l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli lejn il-konsumatur għandha tirbaḥ.”

4 L-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jistabbilixxi:

“Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' buona fede, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi īxsara għall-konsumatur.”

5 Skont l-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva:

“1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-karatru inġust ta' klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konkluż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddepPENDI fuqu,

2. L-istima tan-natura inġusta tal-klawżoli la għandha tirrelata mad-definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt u lanqas mas-suffiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provdu bi tpartit, fuq in-naħħa l-oħra, safejn dawn il-klawżoli jkunu f'lingwaġġ sempliċi u ċar.”

6 L-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 jipprevedi:

“Fil-każ ta' kuntratti fejn ċerti klawżoli jew il-klawżoli kollha offruti lill-konsumatur ikunu bil-miktub, dawn il-klawżoli għandhom ikunu abbozzati b'lingwaġġ sempliċi u ċar. Fejn ikun hemm dubju dwar it-tifsir ta' klawżola, għandha tirbaħ l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli għall-konsumatur. Din ir-regola dwar l-interpretazzjoni m'għandhiex tgħodd fil-kuntest tal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 7(2).”

7 Skont l-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva:

“L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu li klawżoli inġusti użati f'kuntratt konkluż ma konsumatur minn bejjieġħ jew fornitur għandhom, kif previst fil-liġi nazzjonali tagħhom, ma jkunux jorbtu lill-konsumatur u li l-kuntratt għandu jkompli jorbot lill-partijiet fuq dawn il-klawżoli jekk dan ikun kapaċi jkompli jeżisti mingħajr il-klawżoli inġusti.”

8 L-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva jipprevedi:

“L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fl-interessi tal-konsumaturi u l-kompetituri, jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw klawżoli inġusti f'kuntratti konklużi mal-konsumaturi mill-bejjieġħha jew fornituri.”

### ***Id-dritt Pollakk***

9 L-Artikolu 65 tal-Kodeks cywilny (il-Kodiċi Ċivili) huwa redatt kif ġej:

“1. Il-manifestazzjoni ta' intenzjoni għandha tiġi interpretata b'mod konformi mal-prinċipji ta' kondotta soċjali u mal-użanzi, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi li fihom din tkun ġiet espressa.

2. Fil-kuntratti għandu jitfittex x'kienet l-intenzjoni komuni tal-partijiet u x'inhu l-għan previst pjuttost milli wieħed jieqaf mas-sens letterali tal-kliem.”

10 L-Artikolu 385 tal-Kodiċi Ċivili jipprevedi:

- “1. Il-klawżoli ta’ ftehim konkluż ma’ konsumatur li ma jkunux ġew miftiehma individwalment ma jorbtux lill-konsumatur jekk dawn jiddefinixxu d-drittijiet u l-obbligi tiegħu b’mod li jmur kontra l-moralità billi manifestament jippreġudikaw l-interessi tiegħu (klawżoli illegali). Din id-dispożizzjoni ma taffettwax il-klawżoli li jiddefinixxu l-obbligi prinċipali tal-partijiet, fosthom il-prezz jew ir-remunerazzjoni, jekk dawn ikunu ġew ifformulati b’mod inekwivoku.
2. Meta klawżola tal-kuntratt ma tkunx torbot lill-konsumatur b’applikazzjoni tal-paragrafu 1, il-partijiet jibqgħu marbuta bid-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-kuntratt.
3. Il-klawżoli ta’ ftehim konkluż ma’ konsumatur li ma jkunux ġew miftiehma individwalment huma klawżoli kuntrattwali li l-konsumatur ma setax ikollu influwenza konkreta fuq il-kontenut tagħhom. Dawn huma b’mod partikolari klawżoli kuntrattwali meħuda minn mudell ta’ kuntratt propost lill-konsumatur mill-parti kontraenti.
4. Huwa kull min jallega li klawżola ġiet innegozjata individwalment li għandha tipproduċi l-prova tagħha.”

- 11 L-Artikolu 69(2) tal-ustawa – Prawo bankowe (il-Liġi li Tistabbilixxi d-Dritt Bankarju) tad-29 ta’ Awwissu 1997 (Dz. U. Nru 140 tal-1997, pożizzjoni 939), fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fid-data tal-fatti fil-kawża prinċipali, kienet telenka l-informazzjoni li kellha tidher f-kuntratt ta’ self, bħall-ammont u l-valuta tas-self (punkt 2), il-modalitajiet u t-terminu għar-riimbors tas-self (punkt 4), l-ammont tar-rata tal-interessi u l-kundizzjonijiet relatati mal-emenda tiegħu (punkt 5) jew il-modalitajiet ta’ emenda u ta’ xoljiment tal-kuntratt (punkt 10).
- 12 L-ustawa o zmianie ustawy – Prawo bankoil-Prawo bankowe oraz niektórych innych ustaw (il-Liġi li Temenda l-Liġi Bankarja) tad-29 ta’ Lulju 2011 (Dz. U. Nru 165 tal-2011, pożizzjoni 984), li daħlet fis-seħħ wara d-data tal-konklużjoni tal-kuntratt ta’ self inkwistjoni fil-kawża prinċipali, żiedet il-punt 4a tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 69 tal-Liġi li Tistabbilixxi d-Dritt Bankarju kif ukoll il-paragrafu 3 ma’ dan l-istess artikolu.

- 13 Skont il-punt 4a tal-Artikolu 69(2) tal-Liġi li Tistabbilixxi d-Dritt Bankarja, kif emendata, il-kuntratt ta’ self għandu jiġi ppreċiżat, b’mod partikolari, “fil-każ ta’ kuntratt ta’ kreditu d-denominat f’valuta jew indiċjat fuq valuta li ma hijiex il-valuta Pollakka, regoli ddettaljati li jistabbilixxu l-modalitajiet u d-dati tal-iffissar tar-rata tal-valuti li abbażi tagħhom jiġu kkalkolati b’mod partikolari l-ammont tas-self, il-porzjonijiet u l-pagamenti ta’ kull xahar tiegħu (il-kapital u l-interessi) kif ukoll ir-regoli ta’ konverżjoni fil-valuta li biha tħallas jew tar-riimbors tas-self”.

- 14 L-Artikolu 69(3) ta’ din il-liġi, kif emendata, jipprevedi:

“Fil-każ ta’ kuntratt ta’ kreditu d-denominat f’munita jew indiċjat fuq munita li ma hijiex il-munita Pollakka, il-persuna li tissellef tista’ tirrimborsa l-pagamenti mensili (il-kapital u l-interessi) u twettaq riimbors antiċipat tal-ammont totali jew parżjali tal-kreditu direttamente f’din il-munita. F’dan il-każ, il-kuntratt ta’ kreditu għandu jistabbilixxi wkoll ir-regoli tal-ftuħ u taż-żamma ta’ kont għall-ġbir ta’ fondi intiżi għar-riimbors tal-kreditu kif ukoll ir-regoli tar-riimbors permezz ta’ dan il-kont.”

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 15 Fis-16 ta' Mejju 2008, M.P. u B.P. ikkonkludew ma' A, stabbiliment bankarju stabbilit fil-Polonja, kuntratt ta' self ipotekarju għall-ammont ta' 460 000 zloty Pollakk (PLN) (madwar EUR 100 000), rimborsabbi fi 480 pagament mensili. Is-self kien indiċjat fuq munita barranija, jiġifieri l-frank Svizzeru (CHF), u r-rata ta' interassi kienet tikkorrispondi għar-rata ta' referenza LIBOR 3M (CHF), miżjud b'marġni fiss ta' 1.20 punt perċentwali.
- 16 Fil-kuntest tat-talba tagħhom għal self, il-persuni li ssellfu ffirmaw dikjarazzjoni li, filwaqt li kienu kompletament konxji tar-riskju tal-kambju, huma kienu jirrinunzjaw għall-possibbiltà li jiksbu self fi zlote Pollakki u għażlu li jidħlu f'kuntratt ta' self indiċjat fuq valuta barranija. Barra minn hekk, din id-dikjarazzjoni kienet tippreċiża li l-persuni li ssellfu kienu ġew informati bil-fatt li l-iskadenzi tas-self kienu espressi f'din il-valuta barranija u kellhom jiġu rrimborsati fi zlote Pollakki skont ir-regoli deskritti fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt, li huma kienu saru jafu bihom (iktar 'il-quddiem il-“kundizzjonijiet ġenerali”).
- 17 Mill-punti 2 u 12 tal-Artikolu 2 tal-kundizzjonijiet ġenerali jirriżulta li self indiċjat fuq valuta huwa self b'rata ta' interassi bbażata fuq rata ta' referenza marbuta ma' valuta li ma hijiex iż-zloty Pollakk, li l-ħlas u r-rimbors tagħha jsiru fi zlote Pollakki abbażi tal-prezz tal-valuta barranija li jidher fit-tabella tal-prezzijiet tal-muniti fis-seħħ fil-bank.
- 18 Skont il-punt 4 tal-Artikolu 7 tal-kundizzjonijiet ġenerali, ir-rilaxx tal-fondi jitwettaq fi zlote Pollakki skont rata li ma tistax tkun inqas mill-prezz tax-xiri, skont it-tabella fis-seħħ fil-mument ta' dan ir-rilaxx. Il-bilanċ tad-dejn fir-rigward tas-self huwa espress fil-valuta barranija u kkalkolat skont ir-rata applikabbli għal-liberazzjoni tas-self.
- 19 Skont l-Artikolu 9(2) tal-kundizzjonijiet ġenerali, l-iskadenzi tas-self huma espressi fil-valuta barranija u jittieħdu mill-kont bankarju ta' min jissellef fid-data li fiha dawn isiru dovuti, skont il-prezz tal-bejgħ tal-frank Svizzeru li jidher fit-tabella fis-seħħ fil-bank fl-aħħar tal-jum ta' xogħol qabel il-jum li fih isiru dovuti l-iskadenzi.
- 20 Fl-10 ta' Jannar 2013, M.P. u B.P. ikkonkludew ftehim addizzjonali mal-kuntratt inkwistjoni ma' A, li kien jipprevedi li l-persuni li ssellfu jiproċessaw huma stess ir-rimbors tas-self fi franki Svizzeri, mingħajr ma jirrikorru għat-tranżazzjoni ta' kambju mwettqa mill-bank.
- 21 Il-varjazzjonijiet fir-rata tal-kambju bejn iż-zloty Pollakk u l-frank Svizzeru kellhom bħala effett li d-differenza bejn l-ammont irrimborsat mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali għall-perijodu mis-16 ta' Mejju 2008 sal-10 ta' Ottubru 2014 u l-ammont li kien jiġi rrimborsat li kieku s-self kien ġie ddenominat fi zlote Pollakki u miżjud b'rata ta' interassi applikabbli kien ta' PLN 30 601.01 (madwar EUR 6 732).
- 22 Peress li l-klawżola ta' indiċjar tas-self f'valuta barranija kienet inġusta minħabba li ma kinitx tispeċifika l-modalitajiet għad-determinazzjoni tal-prezz tal-valuti mill-bank, M.P. u B.P. ippreżentaw rikors intiż sabiex A jiġi kkundannat iħallashom is-somma ta' PLN 50 000 (madwar EUR 10 850).
- 23 Il-qorti tar-rinvju tippreċiża li l-partijiet fil-kawża prinċipali jiinterpretaw b'mod differenti l-formulazzjoni tal-klawżola ta' indiċjar tal-kuntratt ta' self ipotekarju. Fil-fatt, filwaqt li, għall-bank, din il-klawżola tipprevedi d-determinazzjoni tal-prezz tal-valuta tas-self skont

il-prezz tas-suq, kif riprodott kuljum fuq it-tabella tal-prezzijiet tal-bank, il-persuni li ssellfu jinterpretaw din il-klawżola fis-sens li jipprevedu li l-prezz tal-valuta huwa stabbilit minn valur oġġettiv, bħal dak iffissat min-Narodowy Bank Polski (il-Bank Nazzjonali tal-Polonja).

- 24 Skont din il-qorti, il-klawżola ta' indiċjar inkwistjoni fil-kawża prinċipali fiha, minħabba n-natura ġenerali tal-formulazzjoni tagħha, ċerta ambigwit, b'tali mod li hemm lok li jitqies li A ma ssodisfax l-obbligi tiegħu ta' informazzjoni u ta' trasparenza, kif previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13.
- 25 Madankollu, hija tistaqsi jekk, fid-dawl tat-tul tal-kuntratt ta' self, jiġifieri 40 sena, u tal-mekkaniżmu stess tal-indiċjar fuq valuta barranija, li r-rata tal-kambju tagħha tinbidel b'mod kostanti, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 għandux, minkejja kollox, jiġi interpretat fis-sens li huwa l-bank li għandu jfassal il-klawżola ta' indiċjar b'mod li jippermetti lill-persuna li tissellef li tiddetermina b'mod indipendenti din ir-rata f'mument partikolari. Fil-fatt, tali livell ta' preċiżjoni fil-prattika huwa impossibbli li jintlaħaq.
- 26 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li l-Artikolu 65 tal-Kodiċi Ċivil jagħtiha l-fakultà li tfittem l-intenzjoni komuni tal-partijiet f'kuntratt. F'dan il-każ, hija ssostni li l-valur tas-suq tal-valuta barranija ta' indiċjar jista' jkun il-kriterju tal-iffissar tal-prezz ta' din il-munita skont il-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Hija żżid li tali soluzzjoni tigarantixxi bilanċ bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet fil-kuntratt.
- 27 Barra minn hekk, din il-qorti tfakkbar li, konformement mas-sentenzi tal-14 ta' Marzu 2013, Aziz (C-415/11, EU:C:2013:164), u tas-26 ta' Jannar 2017, Banco Primus (C-421/14, EU:C:2017:60), għandu jiġi vverifikat jekk il-klawżola kuntrattwali kkonċernata twassalx għal tqassim tad-drittijiet u tal-obbligi tali li ma tkunx ġiet aċċettata mill-partijiet fil-kuntest ta' negozjati mmexxija f'bona fide.
- 28 Issa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi li fihom il-kuntratt ta' self inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġie konkluż u eżegwit, minn naħa, l-imsemmija qorti ma teskludix il-fatt li l-persuni li ssellfu xorta waħda kien jikkonkludu dan il-kuntratt kieku kienu fehmu l-kliem bl-istess mod bħall-bank.
- 29 Min-naħa l-oħra, skont din l-istess qorti, A applika, matul il-perijodu kollu ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt, abbażi tal-fehim li kellu ta' dan tal-aħħar, il-prezzijiet tas-suq tal-valuti u, għaldaqstant, ma jistax jitqies bħala li kellu *mala fide*. L-iktar l-iktar jista' jiġi kkritikat b'ċertu indifferenza, iżda mhux l-intenzjoni li l-klawżola kuntrattwali tintiehem sabiex jiġi leż il-konsumatur billi jiġu applikati prezziżiet b'valuta barranija arbitrarji u ddistakkati mill-prezzijiet tas-suq.
- 30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-Sąd Okręgowy dla Warszawy – Woli w Warszawie II Wydział Cywilny (il-Qorti Distrettwali ta' Varsavja – Wola, it-Tieni Sezzjoni Ċivil, il-Polonja), iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:
- “1) Fid-dawl tal-Artikolu 3(1), tal-Artikolu 4(1) u tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill [93/13] li jipprevedu obbligu li l-kuntratti jiġu redatti f'lingwaġġ ċar u li jinftiehem kif ukoll il-ħtieġa li d-dubji jiġu interpretati b'mod li jkun favorevoli għall-konsumatur, klawżola kuntrattwali li tispeċifika r-rata [l-prezz] ta' xiri u ta' bejgħ ta' valuta barranija f'kuntratt ta' kreditu indiċjat f'valuta barranija għandha tīgi redatta b'mod mhux ambigwu, jiġifieri b'mod li l-persuna li qed tissellef/il-konsumatur ikun jista' b'mod indipendenti jiddetermina din il-valuta f'jum

speċifiku, jew inkella, fid-dawl tat-tip ta' kuntratt imsemmi fl-Artikolu 4(1) tal-imsemmija direttiva, in-natura fit-tul (numru ta' għexur ta' snin) tal-kuntratt kif ukoll il-fatt li l-ammont tal-valuta barranija jinbidel konstantement (il-ħin kollu), huwa possibbli li d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt jiġu redatti b'mod iktar ġenerali, b'mod partikolari billi jsir riferiment għall-valur fis-suq tal-valuta barranija sabiex ma jkunx hemm żbilanċ sinjifikanti bejn il-partijiet f'termini ta' drittijiet u obbligi tal-partijiet għad-detiment tal-konsumatur fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva?

- 2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, fid-dawl tal-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill [93/13], huwa possibbli li d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt dwar id-determinazzjoni tar-rata ta' bejgħ u ta' xiri ta' valuta barranija jiġu interpretati mill-parti li ssellef (il-bank) fis-sens li dubji dwar il-kuntratt jiġu riżolti b'mod li jkun favorevoli għall-konsumatur u li jiġi aċċettat li l-kuntratt jispeċifika r-rata ta' xiri u ta' bejgħ ta' valuta barranija, mhux b'mod arbitrarju iż-żda skont suq liberu speċjalment fejn iż-żewġ partijiet jifhmu bl-istess mod il-klawżoli kuntrattwali li jispeċifikaw r-rata ta' xiri u ta' bejgħ ta' valuta barranija jew fejn il-persuna li tissellef/il-konsumatur ma kienx interessat fid-dispożizzjoni kuntrattwali mqiegħda inkwistjoni meta ġie konkluż u eżegwit il-kuntratt, inkluż in-nuqqas ta' għarfien tal-kontenut tal-kuntratt meta dan ġie konkluż u matul id-dewmien [il-perijodu ta' validità] kollu tiegħu?"

## Fuq id-domandi preliminari

- 31 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinvju tistaqsi, minn naħa, jekk, sabiex jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit ta' trasparenza previst fl-Artikolu 4(1) kif ukoll fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13, klawżola ta' indiċjar fuq valuta barranija, bħal dik li tinsab fil-kuntratt ta' self ipotekarju inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li hija kkaratterizzata minn tul partikolarmen twil, għandhiex tiġi redatta b'mod ċar u li jinfiehem, b'tali mod li l-konsumatur ikun jista' jiddetermina huwa stess, f'kull mument, ir-rata tal-kambju ta' din il-minuta, kif applikata mill-bank. Fil-kuntest ta' din l-istess domanda, il-qorti tar-rinvju tixtieq tkun taf, min-naħa l-oħra, jekk riferiment għall-valur tas-suq tal-munita hijiex suffiċjenti sabiex jiġi għgarantit ir-rekwiżit ta' trasparenza stabbilit minn dawn id-dispożizzjonijiet.
- 32 Barra minn hekk, permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinvju tixtieq tkun taf jekk hijiex awtorizzata tinterpreta klawżola ta' indiċjar bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali bħala li tirreferi għall-valur tas-suq tal-valuta barranija, b'mod partikolari meta tali interpretazzjoni tippermetti li tiġi riflessa r-rieda komuni tal-partijiet fil-kuntratt, u b'hekk tiġi evitata li tiġi ddikjarata invalida din il-klawżola.
- 33 Konsegwentement, fil-kuntest tat-tieni parti tal-ewwel domanda preliminari, il-qorti tar-rinvju tipprevedi r-riferiment għall-kunċett ġenerali ta' valur tas-suq bħala mezz li jiggarrantixxi li klawżola ta' indiċjar bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija redatta b'mod ċar u li tintiehem. Barra minn hekk, mit-tieni domanda preliminari jirriżulta, b'mod partikolari, li dan ir-riferiment jirriżulta minn interpretazzjoni ta' din l-istipulazzjoni kuntrattwali mill-qorti tar-rinvju, peress li din tal-aħħar tixtieq tkun taf jekk hijiex awtorizzata, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tat-tilwima fil-kawża prinċipali, b'mod partikolari t-tul tal-kuntratt ta' self kif ukoll tal-assenza ta' interess partikolari li jkunu wrew il-persuni li jissellfu waqt l-eżekuzzjoni tiegħu, li tagħmel formulazzjoni mill-ġdid tal-istipulazzjoni kuntrattwali inkwistjoni fil-kawża prinċipali b'mod iktar ġenerali bħala li jirreferi għall-valur tas-suq tal-valuta barranija.

- 34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandha tingħata risposta għall-ewwel domanda sussidjarja tal-ewwel domanda, qabel ma tīgħi eżaminata t-tieni domanda sussidjarja ta' din id-domanda flimkien mat-tieni domanda.

### ***Fuq l-ewwel domanda sussidjarja tal-ewwel domanda***

- 35 Permezz tal-ewwel domanda sussidjarja tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinvju tistaqsi, esenzjalment, jekk l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 għandhomx jiġi interpretati fis-sens li, sabiex titqies li hija redatta b'mod ċar u li tintiehem fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, il-klawżola li tinsab f'kuntratt ta' self konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur li jiffissa l-prezzijiet tax-xiri u tal-bejgħ tal-valuta barranija li fuqha s-self huwa indiċjat, għandha tīgħi redatta b'mod ċar li tippermetti lill-konsumatur jiddetermina l-ammont ta' self b'mod indipendenti, fkull mument tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, il-prezz tal-valuta applikata sabiex jiġi ffissat l-ammont tal-iskadenzi ta' rimbors ta' dan is-self.
- 36 Preliminjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabilita, fil-kuntest tal-proċedura ta' kooperazzjoni bejn il-qorti nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, stabilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija din tal-aħħar li għandha tagħti lill-qorti nazzjonali risposta utli li tghinhha tiddeċiedi l-kawża quddiemha. F'din il-perspettiva, jekk ikun il-każ, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tifformula mill-ġdid id-domandi magħmula lilha (sentenza tas-16 ta' Lulju 2020, Caixabank u Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, C-224/19 u C-259/19, EU:C:2020:578, punt 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 37 F'dan il-każ, għalkemm huwa minnu li, fl-ewwel domanda sussidjarja tal-ewwel domanda, il-qorti tar-rinvju tirreferi għar-rekwiżit ta' tfassil ċar u li jinfiehem tal-klawżoli kuntrattwali, kif stabbilit kemm fl-Artikolu 4 kif ukoll fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13, it-tilwima fil-kawża prinċipali la tirrigwarda d-definizzjoni tas-suġġett prinċipali tal-kuntratt u lanqas l-adegwatezza bejn il-prezz u r-remunerazzjoni, minn naħħa, u s-servizzi jew l-oġġetti li għandhom jiġi pprovduti bħala korrispettiv, min-naħħa l-oħra, fis-sens tal-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva, b'tali mod li hemm lok li l-ewwel domanda sussidjarja tal-ewwel domanda preliminari tintiehem bħala li tirrigwarda biss l-interpretazzjoni tar-rekwiżit ta' trasparenza msemmi fl-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva.
- 38 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fi kwalunkwe każ, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, r-rekwiżit ta' tfassil ċar u li jinfiehem li jinsab fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13, japplika u jinfiehem meta klawżola taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Marzu 2020, Gómez del Moral Guasch, C-125/18, EU:C:2020:138, punt 46), u, min-naħħa l-oħra, li r-rekwiżit li jinsab f'din id-dispożizzjoni għandu l-istess portata bħal dak imsemmi fl-Artikolu 5 tal-istess direttiva (sentenza tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerne Rábai, C-26/13, EU:C:2014:282, punt 69).
- 39 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, konformément mal-formulazzjoni tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13, meta l-klawżoli ta' kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur ikunu redatti bil-miktub, dawn “għandhom ikunu abbozzati b'lingwaġġ sempliċi u ċar” u b'hekk joossavaw ir-rekwiżit ta' trasparenza.
- 40 Barra minn hekk, skont l-għoxrin premessa ta' din id-direttiva, il-konsumatur għandu effettivament ikollu l-opportunità sabiex isir jaf il-klawżoli kollha tal-kuntratt.

- 41 F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li r-rekwiżit ta' trasparenza tal-klawżoli kuntrattwali ma jistax jiġi ridott biss għan-natura ċara u li tintiehem fuq il-livelli formali u grammatikali tagħhom. Is-sistema ta' protezzjoni implimentata minn din id-direttiva hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità meta mqabbel mal-bejjiegħ jew fornitur f'dak li jikkonċerna, b'mod partikolari, il-livell ta' informazzjoni, dan ir-rekwiżit ta' redazzjoni ċara u li jinftiehem tal-klawżoli kuntrattwali u, għaldaqstant, ta' trasparenza, impost mill-imsemmija direttiva, għandu jinftiehem b'mod estensiv (sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, BNP Paribas Personal Finance, C-776/19 sa C-782/19, EU:C:2021:470, punt 63 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 42 Konsegwentement, ir-rekwiżit ta' trasparenza għandu jinftiehem bħala li jimponi mhux biss li l-klawżola kkonċernata tkun tintiehem mill-konsumatur fuq il-livell formali u grammatikali, iżda wkoll li konsumatur medju, normalment informat u raġonevolment attent u avżat, jitqiegħed f'pożizzjoni li jifhem il-funzjonament konkret ta' din il-klawżola u li b'hekk jevalwa, abbażi ta' kriterji preċiżi u li jinftiehm, il-konsegwenzi ekonomiċi, potenzjalment sinjifikattivi, ta' tali klawżola fuq l-obbligi finanzjarji tiegħu (sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, BNP Paribas Personal Finance, C-776/19 sa C-782/19, EU:C:2021:470, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 43 B'mod iktar preċiż, ir-rekwiżit ta' redazzjoni ċara u li tintiehem jippreżupponi li, fil-każ tal-kuntratti ta' kreditu, l-istabbilimenti finanzjarji għandhom jipprovd lill-persuni li jissellfu informazzjoni suffiċjenti sabiex dawn ikunu jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet tagħhom bi prudenza u b'għarfien sħiħ tal-fatti. B'mod partikolari, dan ir-rekwiżit jimplika li klawżola li tgħid li s-self għandu jiġi rrimborsat fl-istess valuta barranija bħal dik li fiha jkun ġie konkluż għandha tintiehem mill-konsumatur kemm fuq livell formali kif ukoll grammatikali, iżda wkoll fir-rigward tal-portata konkreta tagħha, fis-sens li konsumatur medju, normalment informat u raġonevolment attent u avżat, għandu jkun ukoll mhux biss li jkun jaf il-possibbiltà ta' żieda jew ta' deprezzament tal-valuta barranija li fuqha s-self ikun indiċjat, iżda wkoll li jevalwa l-konsegwenzi ekonomiċi tiegħu, potenzjalment sinjifikattivi, ta' tali klawżola fuq l-obbligi finanzjarji tiegħu (digriet tat-22 ta' Frar 2018, Lupean, C-119/17, mhux ippubblikat, EU:C:2018:103, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 44 Tali interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għan tad-Direttiva 93/13 li huwa, b'mod partikolari kif jirriżulta mit-tmien premessa tagħha, il-protezzjoni tal-konsumaturi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja digħi ddeċiđiet li l-informazzjoni, qabel il-konklużjoni ta' kuntratt, fuq il-kundizzjonijiet kuntrattwali u l-konsegwenzi tal-imsemmija konklużjoni hija, għal konsumatur, ta' importanza fundamentali. Huwa b'mod partikolari abbażi ta' din l-informazzjoni li dan tal-aħħar jiddeċiedi jekk jixtieqx jinrabat kuntrattwalment ma' bejjiegħ jew fornitur billi jaċċetta l-kundizzjonijiet imfassla minn qabel minn dan tal-aħħar (sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, BNP Paribas Personal Finance, C-776/19 sa C-782/19, EU:C:2021:470, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 45 F'dan il-każ, mill-proċess għad-dispożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-persuni li ssellfu feħmu l-klawżola dwar l-indiċjar tal-kuntratt fis-sens li kienet tipprevedi l-iffissar tal-prezzijiet ta' xiri u ta' bejgħ tal-valuta tal-indiċjar għall-finijiet tal-kalkolu tal-pagamenti kull xahar ta' rimbors abbażi ta' rata tal-kambju ddeterminata oġġettivament, bħal dik stabbilita min-Narodowy Bank Polski (il-Bank Nazzjonali tal-Polonja).
- 46 Min-naħħa l-oħra, A jindika li, skont il-punt 2 tal-Artikolu 9 tal-kundizzjonijiet ġenerali, il-prezz tax-xiri u tal-bejgħ tal-valuta kien dak indikat fit-tabella fis-seħħi fil-bank u jżid li, fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali, id-dispożizzjoni leġiżlattivi u

regolamentari fis-seħħi ma kinux jimponulu li jiġi speċifika d-dettalji kollha tal-kalkolu tar-rata tal-kambju applikata. Huwa ppreċiża li, fil-prattika, ir-rata tal-kambju kienet ir-riżultat ikkombinat, minn naħa, tar-rati medji tal-valuti ppubblikati mill-Bank Nazzjonali tal-Polonja, u min-naħa l-oħra, tas-sitwazzjoni globali fis-suq tal-valuti, tal-pożizzjoni tal-bank fil-qasam tal-valuti u tal-previżjonijiet tal-iżvilupp tal-prezzijiet.

- 47 F'dan ir-rigward, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li la l-klawżola ta' indiċjar inkwistjoni fil-kawża prinċipali u lanqas il-kundizzjonijiet ġenerali ma jippreċiżaw il-fatturi kollha meħuda inkunsiderazzjoni mill-bank sabiex jistabbilixxi r-rata tal-kambju applikata għall-kalkolu tal-iskadenzi ta' rimbors tas-self ipotekarju inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 48 Għaldaqstant, u bla ħsara għall-verifikasi tal-qorti tar-rinviju, il-klawżola ta' indiċjar inkwistjoni fil-kawża prinċipali tidher li hija inqas ikkaratterizzata minn formulazzjoni ambigwa milli mill-assenza ta' indikazzjoni tal-modalitajiet ta' determinazzjoni tar-rata tal-kambju applikati minn A għall-kalkolu tal-iskadenzi tar-imbors.
- 49 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fir-rigward ta' klawżola kuntrattwali li abbażi tagħha l-bejjieġ jew fornitur jiffissa l-ammont tal-pagamenti ta' kull xahar ta' rimbors dovut mill-konsumatur skont il-prezz tal-bejgħ tal-valuta barranija applikat minn dan il-bejjieġ jew fornitur, li għandu importanza essenzjali għall-finijiet tal-osservanza tar-rekwiżit ta' trasparenza l-punt dwar jekk il-kuntratt ta' self jesponix b'mod trasparenti r-raġuni u l-karatteristiċi tal-mekkaniżmu ta' konverżjoni tal-valuta barranija kif ukoll ir-relazzjoni bejn dan il-mekkaniżmu u dak stabbilit minn klawżoli preċiżi tal-kuntratt, b'tali mod li l-konsumatur ikun jista' jifhem, abbażi ta' kriterji preċiżi u li jinfieħmu, il-konsegwenzi ekonomiċi li jirriżultaw minnha għalih (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-30 ta' April 2014, Kásler u Káslerne Rábai, C-26/13, EU:C:2014:282, punt 73).
- 50 Konsegwentement, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa, fid-dawl tal-punti ta' fatt rilevanti kollha, li fosthom hemm il-pubbliċità u l-informazzjoni pprovduta mill-persuna li ssellef fil-kuntest tan-negozjati tal-kuntratt ta' self inkwistjoni, jekk konsumatur medju, normalment informat u raġonevolment attent u avżat, jistax mhux biss ikun jaf bl-eżistenza ta' varjazzjonijiet, ġeneralment osservati fis-suq tal-valuti, tar-rati tal-kambju, iżda wkoll jevalwa l-konsegwenzi ekonomiċi, potenzjalment sinjifikattivi għalih, tal-applikazzjoni tar-rata tal-kambju tal-bejgħ għall-kalkolu tar-imborsi li huwa ser ikollu finalment iħallas u, għaldaqstant, l-ispīza totali tas-self tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2021, BNP Paribas Personal Finance, C-776/19 sa C-782/19, EU:C:2021:470, punti 66 u 67, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).
- 51 Huwa minnu, kif tirrileva l-qorti tar-rinviju, li, fil-każ ta' kuntratt ta' self indiċjat fuq valuta barranija li jiddekorri fuq perijodu ta' 40 sena, il-persuna li tissellef ma tistax ikun f'pożizzjoni li tipprevedi l-iżvilupp tal-piż ekonomiku li jista' jwassal għalih il-mekkaniżmu ta' indiċjar previst mill-imsemmi kuntratt.
- 52 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-osservanza minn bejjieġ jew fornitur tar-rekwiżit ta' trasparenza msemmi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-elementi li dan il-bejjieġ jew fornitur kellu għad-dispożizzjoni tiegħi fil-jum tal-konklużjoni tal-kuntratt mal-konsumatur (digriet tat-3 ta' Marzu 2021, Ibercaja Banco, C-13/19, mhux ippubblikat, EU:C:2021:158, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 53 Madankollu, il-fatt li r-rati tal-kambju jevolvu fit-tul ma jistax jiġġustifika l-assenza ta' indikazzjoni, fl-istipulazzjonijiet kuntrattwali kif ukoll fil-kuntest tal-informazzjoni pprovduta mill-bejjiegħ jew fornitur fin-negożjar tal-kuntratt, tal-kriterji użati mill-bank sabiex jistabbilixxi r-rata tal-kambju applikabbi għall-kalkolu tal-iskadenzi ta' rimbors, u b'hekk jippermetti lill-konsumatur jiddetermina f'kull mument din ir-rata tal-kambju.
- 54 Din il-kunsiderazzjoni hija kkorrobarata mill-fatt li s-sistema ta' protezzjoni implimentata mid-Direttiva 93/13 hija bbażata fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'sitwazzjoni ta' inferjorità meta mqabbel mal-bejjiegħ jew fornitur f'dak li jikkonċerna, b'mod partikolari, il-livell ta' informazzjoni, dan ir-rekwiżit ta' redazzjoni ċara u komprensibbli tal-klawżoli kuntrattwali u, għaldaqstant, ta' trasparenza, impost mill-imsemmija direttiva, għandu jinfiehem b'mod li jippermetti lill-persuna li tissellef tifhem dak li qiegħda timpenja ruħha, b'mod partikolari l-modalitajiet tal-kalkolu tal-pagamenti ta' kull xahar tas-self li tikkuntratta.
- 55 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kontenut ta' klawżola ta' kuntratt ta' self konkuż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur li jiffissa l-prezzijiet tax-xiri u tal-bejgħ ta' valuta barranija li fuqha s-self huwa indiċjat għandu jippermetti lil konsumatur normalment informat u raġonevolment attent u avżat jifhem, abbażi ta' kriterji ċari u li jinfiehem, il-mod li bih hija stabbilita r-rata tal-kambju tal-valuta barranija użata sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tal-iskadenzi permezz ta' dan ir-ribb, sabiex dan il-konsumatur ikollu l-possibbiltà li jiddetermina huwa stess, fi kwalunkwe ħin, ir-rata tal-kambju applikata mill-bejjiegħ jew il-fornitur.

### ***Fuq it-tieni domanda sussidjarja tal-ewwel domanda u fuq it-tieni domanda***

- 56 Permezz ta' dawn id-domandi li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinvju tixtieq tkun taf, esenzjalment, jekk l-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva 93/13 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li l-qorti nazzjonali, li kkonstatat in-natura ingūsta, fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, ta' klawżola ta' indiċjar fuq valuta barranija ta' kuntratt ta' self konkuż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, milli twettaq l-interpretazzjoni ta' din il-klawżola sabiex tikkumpensa n-natura ingūsta tagħha billi tintroduċi fiha l-kunċett ġenerali tal-“valur tas-suq” tal-valuta barranija ta' indiċjar, minkejja li tali interpretazzjoni kienet tikkorrispondi għar-rieda komuni tal-partijiet fil-kuntratt.
- 57 L-ewwel, għandu jitfakkar li jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinvju kellha tikkonstata n-natura ingūsta tal-klawżola ta' indiċjar inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija għandha, skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, ma tapplikahiem.
- 58 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta, minn naħħa, li l-osservanza tar-rekwiżit tan-natura ċara u li tinfiehem ta' klawżola kuntrattwali, previst fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13, tikkostitwixxi wieħed mill-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjoni tan-natura ingūsta ta' din il-klawżola li hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħmel abbażi tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, hija l-imsemmija qorti li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża, l-ewwel, il-possibbli nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżit ta' *bona fide* u, it-tieni, l-eżistenza ta' eventwali żbilanċ sinjifikattiv għad-detriment tal-konsumatur, fis-sens ta' din l-aħħar dispożizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Kiss u CIB Bank, C-621/17, EU:C:2019:820, punt 49).

- 59 Min-naħa l-oħra, ġie deċiż li klawżola ta' kuntratt ta' self indiċjat fuq valuta barranija li tistipula li l-iskadenzi tar-rimbors għandhom isiru f'din il-valuta timponi, fil-każ ta' żvalutar tal-valuta nazzjonali meta mqabbla mal-imsemmija valuta, ir-riskju tal-kambju fuq il-konsumatur (ara, f'dan is-sens, id-digriet tat-22 ta' Frar 2018, Lupean, C-119/17, mhux ippubblikat, EU:C:2018:103, punt 28).
- 60 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-Artikolu 69(2) tal-Liġi li Tistabbilixxi d-Dritt Bankarju ġie emendat wara l-konklużjoni tal-kuntratt ta' self ipotekarju inkwistjoni fil-kawża prinċipali b'tali mod li, minn issa 'l quddiem, kuntratt ta' self indiċjat fuq valuta barranija għandu neċċesarjament jinkludi l-informazzjoni dwar il-metodi u d-dati tal-iffissar tar-rata tal-kambju li abbażi tagħha huma kkalkolati l-ammont tal-kreditu u l-pagamenti kull xahar ta' rimbors, kif ukoll ir-regoli ta' konverżjoni tal-muniti.
- 61 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, għalkemm l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludix li l-Istati Membri jwaqqfu, permezz ta' leġiżlazzjoni, l-użu ta' klawżoli ingħusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi minn bejjiegħ jew fornitur, xorta jibqa' l-fatt li l-leġiżlatur għandu, f'dan il-kuntest, josserva r-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 6(1) ta' din l-istess direttiva (sentenza tad-29 ta' April 2021, Bank BPH, C-19/20, EU:C:2021:341, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 62 Fil-fatt, il-fatt li klawżola kuntrattwali tkun ġiet iddikjarata, abbażi ta' leġiżlazzjoni nazzjonali, inġusta u nulla, kif ukoll issostitwita bi klawżola ġdida ma jistax ikollu l-effett li jdghajnejf il-protezzjoni għgarantita lill-konsumaturi (sentenza tad-29 ta' April 2021, Bank BPH, C-19/20, EU:C:2021:341, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 63 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-adozzjoni mil-leġiżlatur ta' dispożizzjonijiet li jirregolaw l-użu ta' klawżola kuntrattwali u jikkontribwixxu sabiex jiġi żgurat l-effett dissważiv imfitteżx mid-Direttiva 93/13 għal dak li jikkonċerna l-agħir tal-bejjiegħha jew forniture hija bla ħsara għad-drittijiet irrikonoxxuti lill-konsumatur minn din id-direttiva (sentenza tad-29 ta' April 2021, Bank BPH, C-19/20, EU:C:2021:341, punt 79)
- 64 Konsegwentement, miċ-ċirkustanzi hekk imfakkra kif ukoll mill-punti 50 u 52 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-klawżola ta' indiċjar inkwistjoni fil-kawża prinċipali li, bla ħsara għall-verifikasi li għandha twettaq il-qorti tar-rinviju, ma tippermettix lill-konsumatur jiddetermina huwa stess, fi kwalunkwe mument, ir-rata tal-kambju applikata mill-bejjiegħ jew forniture.
- 65 Għal dan il-ġhan, sa fejn din il-qorti indikat li ma jistax jitqies li A qiegħed juri *mala fide*, hija l-imsemmija qorti, b'mod partikolari, li għandha teżamina jekk jeżistix żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u l-obbligli tal-partijiet li jirriżultaw mill-kuntratt għad-detriment tal-konsumatur.
- 66 Tali eżami ma jistax ikun limitat għal evalwazzjoni ekonomika ta' natura kwantitattiva, ibbażata fuq paragun bejn l-ammont totali tat-tranżazzjoni li hija s-suġġett tal-kuntratt, min-naħħa waħda, u l-ispejjeż li għalihom huwa responsabbi l-konsumatur skont din il-klawżola, min-naħħa l-oħra. Fil-fatt, żbilanċ sinjifikattiv jista' jirriżulta mis-sempliċi fatt ta' preġudizzju suffiċċientement serju għas-sitwazzjoni legali li fiha l-konsumatur, bħala parti għall-kuntratt inkwistjoni, jinsab skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli, kemm jekk fil-forma ta' restrizzjoni għall-kontenut tad-drittijiet li, skont dawn id-dispożizzjonijiet, huwa għandu skont dan il-kuntratt kif ukoll jekk fil-forma ta' ostakolu għall-eżerċizzju tagħhom jew ukoll tal-impożizzjoni fuqu ta' obbligu supplimentari, li ma huwiex previst mir-regoli nazzjonali (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Kiss u CIB Bank, C-621/17, EU:C:2019:820, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 67 It-tieni, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li huwa possibbli għaliha, skont l-Artikolu 65 tal-Kodiċi Ċivili, li tagħmel tajjeb għan-nuqqas ta' trasparenza tal-klawżola ta' indiċjar inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tista' twassal għall-konstatazzjoni tan-natura inġusta tagħha, billi tingħata interpretazzjoni li tikkorrispondi għar-rieda komuni tal-partijiet fil-kuntratt.
- 68 Għandu jiġi enfasizzat, madankollu li, meta l-qorti nazzjonali tikkonstata n-nullità ta' klawżola inġusta f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi regola ta' dritt nazzjonali li tippermetti lill-qorti nazzjonali, tikkompleta dan il-kuntratt billi tagħmel reviżjoni tal-kontenut ta' din il-klawżola (sentenzi tad-29 ta' April 2021, Bank BPHo, C-19/20, EU:C:2021:341, punt 67, u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 69 Fil-fatt, kieku l-qorti nazzjonali tkun awtorizzata tirrevedi l-kontenut tal-klawżoli inġusti li jinsabu f'tali kuntratt, tali possibbiltà tkun tista' tippregħidika t-twettiq tal-ġhan fit-tul imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13. Bħala fatt, din il-fakultà tkun tikkontribwixxi sabiex telimina l-effett dissważiż eżerċitat fuq il-bejjiegħa jew fornituri bis-sempliċi nuqqas ta' applikazzjoni, fir-rigward tal-konsumatur, ta' tali klawżoli inġusti, sa fejn dawn jibqgħu bit-tentazzjoni li jużaw l-imsemmija klawżoli, filwaqt li jkunu jafu li, anki kieku dawn kellhom jiġu ddikjarati invalidi, il-kuntratt jista' madankollu jitkompla, sa fejn ikun neċċesarju, mill-qorti nazzjonali b'mod li jiggarrantixxi l-interessi tal-imsemmija bejjiegħha jew fornituri (sentenza tad-29 ta' April 2021, Bank BPH, C-19/20, EU:C:2021:341, punt 68 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 70 Issa, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-eżerċizzju ta' interpretazzjoni prevista mill-qorti tar-rinviju abbażi tal-Artikolu 65 tal-Kodiċi Ċivili fl-aħħar mill-aħħar iwassal sabiex jirrevedi l-kontenut tal-klawżola ta' indiċjar inkwistjoni fil-kawża prinċipali, peress li jwassal sabiex ibiddel il-fehim tagħha billi tintroduċi riferiment għall-“valur tas-suq” tal-valuta barranija.
- 71 Anki jekk jitqies li l-interpretazzjoni proposta mill-qorti tar-rinviju tikkorrispondi għall-fehim komuni li kellhom il-partijiet fil-kuntratt, fil-mument tal-konklużjoni tiegħu, tal-klawżola ta' indiċjar inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dak li madankollu jidhru li jikkontradixxu l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-imsemmija partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, xorta jibqa' l-fatt li klawżola ddikjarata inġusta mill-qorti nazzjonali għandha titħalla mhux applikata skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, mingħajr ma l-kontenut tagħha jista' jinbidel.
- 72 Huwa biss jekk id-dikjarazzjoni ta' invalidità tal-klawżola inġusta jobbliga lill-qorti tannulla l-kuntratt fl-intier tiegħu, u b'hekk tesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi li partikolarment jikkawżaw pregħidizzju, b'mod li dan tal-aħħar jiġi ppenalizzat, li l-qorti nazzjonali tkun tista' tissostitwixxi din il-klawżola b'dispożizzjoni ta' dritt nazzjonali ta' natura supplimentari (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-4 ta' Frar 2021, CDT, C-321/20, mhux ippubblikat, EU:C:2021:98, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 73 Madankollu, ġie deċiż li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 jipprekludi li jiġu rrimedjati l-lakuni ta' kuntratt, ikkawżati mit-tnejħija ta' klawżoli inġusti li jinsabu fih, fuq il-bażi biss ta' dispożizzjonijiet nazzjonali ta' natura ġenerali li jipprovd li l-effetti espressi f'att legali għandhom jiġi kkompletati, b'mod partikolari, mill-effetti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' ekwidha jew mill-użanzi, li ma humiex dispożizzjonijiet supplenti u lanqas dispożizzjonijiet applikabbli fil-każ ta' ftehim tal-partijiet fil-kuntratt (sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, Dziubak, C-260/18, EU:C:2019:819, punt 62).

- 74 Issa, f'dan il-każ, minn naħa, mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax li l-interpretazzjoni prevista mill-qorti tar-rinviju għandha l-ġħan li tirrimedja l-invalidità tal-kuntratt minħabba li dan ma jistax jibqa' jeżisti mingħajr il-klawżola ta' indiċjar inkwistjoni fil-kawża prinċipali.
- 75 Min-naħa l-oħra, bla ħsara għall-verifikasi tal-qorti tar-rinviju, ma jidħirx li l-Artikolu 65 tal-Kodiċi Ċivili, li jinkludi regola ta' interpretazzjoni ta' natura ġenerali, jikkostitwixxi dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali ta' natura supplementari.
- 76 It-tielet, il-prinċipju tal-assenza ta' effett ta' klawżola inġusta, kif previst fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, ma jistax jiġi kkontestat minn kunsiderazzjonijiet marbuta maċ-ċirkustanzi li fihom il-kuntratt inkwistjoni ġie konkluż u eżegwit.
- 77 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex ikun żgurat l-effett dissważiv tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13, il-prerogattivi tal-qorti nazzjonali li tikkonstata l-preżenza ta' klawżola abbużiva, fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, ma jistgħux jiddepdu fuq l-applikazzjoni jew ta' din il-klawżola fil-fatti (digriet tal-11 ta' Ġunju 2015, Banco Bilbao Vizcaya Argentaria, C-602/13, mhux ippubblikat, EU:C:2015:397, punt 50).
- 78 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li r-rifikorrenni fil-kawża prinċipali wrew biss ftit interess għall-klawżola ta' indiċjar tal-kuntratt ma jistax jikkonta l-prinċipju mfakkar fil-punt 57 ta' din is-sentenza, li jipprevedi li, meta l-qorti nazzjonali tikkonstata n-natura inġusta ta' klawżola li tinsab f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, hija għandha, skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13, thallha mhux applikata.
- 79 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda sussidjarja tal-ewwel domanda u għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva 93/13 għandhom jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu li l-qorti nazzjonali, li tkun ikkonstatat in-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, tinterpreta din il-klawżola sabiex tikkumpensa għan-natura inġusta tagħha, anki jekk din l-interpretazzjoni tkun tikkorrispondi għar-rieda komuni tal-partijiet fil-kuntratt.

## Fuq l-ispejjeż

- 80 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jiddep fuq l-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-Artikolu 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumaturi, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kontenut ta' klawżola ta' kuntratt ta' self konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur li jiffissa l-prezzijiet tax-xiri u tal-bejgħ ta' valuta barranija li fuqha s-self huwa indiċjat għandu jippermetti lil konsumatur normalment informat u raġonevolment attent u avżat jifhem, abbażi ta' kriterji ċari u li jinftieħmu, il-mod li bih hija stabilita r-rata tal-kambju**

**tal-valuta barranija użata sabiex jiġi kkalkolat l-ammont tal-iskadenzi permezz ta' dan ir-imbors, sabiex dan il-konsumatur ikollu l-possibbiltà li jiddetermina huwa stess, fi kwalunkwe ħin, ir-rata tal-kambju applikata mill-bejjiegħ jew il-fornitur.**

- 2) L-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva 93/13 għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li l-qorti nazzjonali, li tkun ikkonstatat in-natura inġusta ta' klawżola ta' kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, tinterpreta din il-klawżola sabiex tikkumpensa għan-natura inġusta tagħha, anki jekk din l-interpretazzjoni tkun tikkorrispondi għar-rieda komuni tal-partijiet fil-kuntratt.

Firem